



HAL BALZAN

IT-TIELET SENA Nru. 15 — LEHEN IL-KUNSILL ĊIVIKU — 30 — JANNAR/FRAR 1974

IKTBU

IKTBU

IKTBU

IBAGHTU L-KITBA

TAGHKOM

FL-INDIRIZZ

EDITORJALI JEW

AGHTUHA LIL XI

MEMBRU TAL-BORD

EDITORJALI

SILTIET MILL-ISTORJA TA' HAL BALZAN (15)

IL-KNISJA PARROKKJALI (3)

MINN DUN ĠWANN DIMECH

RIKORS STORIKU

Bejn il-mewt ta' l-Isqof Lucas Buenos li ġrat nhar is-7 ta' Settembru 1668 u l-ħatra ta' l-Isqof Laurentius Astiria nhar is-16 ta' Gunju 1670, ħa ħsieb id-Djoċesi ta' Malta l-Vigarju Ġenerali Monsinjur Giovanni Battista Cauchi. F'dan iż-żmien li d-Djoċesi kienet "Sede Vacante", jiġifieri mingħajr Isqof, iż-żewġ Prokuraturi tal-Knisja ta' Hal Balzan, Gio Frendo u Benedetto Borg, ippreżentaw lil dan il-Vigarju Ġenerali rikors storiku li jolqot ħafna lilna li minn hawn u minn hemm irridu nsibu dak kollu li jinteressana dwar il-bini tal-Knisja Parrokkjali tagħna. Dan ir-rikors igħid hekk:

"Reverendu Sinjur Vigarju,

Gio Maria Frendo u Benedetto Borg, Prokuraturi tal-Veneranda Knisja Parrokkjali u Matriċi ta' Hal Balzan, servi umli tas-Sinjurija Tiegħek Illustrissima u Revendissima bil-qima mistħoqqa jgħidu f'isem il-poplu u parruċċani ta' l-imsemmi Raħal, li nhar il-ħdax ta' Mejju 1663 l-Illustrissimu Monsinjur Balaguer li dak inhar kien Isqof ta' din id-Djoċesi ta' Malta li niftakruh tajjeb kien ġie f'dan l-imsemmi Raħal mal-Vigarju Ġenerali tiegħu, u wara li ra ben tajjeb il-ħtiġiet li minnhom kien qed isofri l-poplu fuq imsemmi minħabba ċ-ċokon tal-Knisja Parrokkjali ta' dan ir-Raħal, ordna li tinbena Knisja Parrokkjali ġdida f'post addattat fil-qalba tar-Raħal, u qagħad għat-talb u l-insistenzi li għamlulu f'isem l-imsemmi poplu Giovanni Debono u Benedetto Borg li dak inhar kienu prokuraturi ppreżentaw talba lill-Illustrissmu u Reverendissmu Monsinjur.

Benedetto Borg u Gio Debono prokuraturi tal-Veneranda Knisja Parrokkjali u Matriċi ta' Hal Balzan, servi umli tas-Sinjurija Tiegħek Ill.ma u Rev.ma, bil-qima mistħoqqa jgħidu li l-Knisja Parrokkjali ta' l-imsemmi Raħal, peress li qiegħda f'lok imwarrab tar-raħal kif ukoll hija żgħira ħafna, qed tkun ta' skomdu kbir għall-poplu għaliex dan il-poplu minħabba ċ-ċokon tagħha ma jistax jinġabar biex jieħu sehem flimkien fil-festi solenni biex jisma' l-Għasar u l-Priedki; min-naħa l-oħra l-imsemmija prokuraturi u l-poplu jixtiequ jibnu fil-qalba ta' l-imsemmi Raħal Knisja Parokkjali ġdida li tkun kapaċi f'kollox u għal kollox aktar komda għall-qima mqaddsa u għall-istess poplu billi jiġu trasferiti mill-Knisja l-qadima għall-Knisja li għandha tiġi mibnija ġdida d-dħul kollu ta' frott u beni li jappartjenu lil din il-Parroċċa b'tali mod u manjera li din il-Knisja li ser tinbena tkun indipendenti f'kollox u għal kollox minflok il-Knisja Parrokkjali ta' qabel. Ġie maħsub li bħala lok għal din il-Knisja Parrokkjali l-ġdida jkun il-post minflok il-lok ta' djar ta' Gio Hagius u ta' Pasqualina, armla tal-mejjet Pawlinu Borg, u ta' parruċċani oħra li huma wkoll offrew id-djar tagħhom biex b'hekk il-Knisja tista' tinbena fil-qalba ta' l-abitat ta' l-imsemmi Raħal. Jitolbu għalhekk l-oraturi lill-Ill.ma u Rev.ma Sinjurija Tiegħek li jkollok il-pjaċir li tagħti l-permess u l-fakulta' lill-imsemmijin oraturi u lis-suċċessuri tagħhom biex jistgħu jibdew il-bini ta' l-imsemmija Knisja Parrokkjali ġdida, u jqiegħdu l-ewwel ġebla bis-sollennita' tas-soltu u skond iċ-ċerimonjal u li tordna fl-aħħar li jiġu trasferiti fil-Knisja li għandha tinbena kull ma tippossjedi l-Knisja bħalma huma msemmijin aktar 'il fuq mingħajr preġudizzji għar-raġunijiet tal-Kappillan.

Din it-talba ġiet milqugħa u ngħatat il-fakulta' nhar il-11 ta' Lulju 1663 iffirmata mill-Isqof Fra Michael (Balaguer) fil-Palazz tal-Belt Valletta."

It-tieni parti ta' dan ir-rikors, li tittratta dwar it-tberik tal-Knisja l-ġdida, nippubblikawha aktar 'il quddiem meta naslu għat-tberik tal-Knisja.

L-ewwel benefatturi għall-bini tal-Knisja Parrokkjali

Fl-atti tan-Nutar Kalċidon Fenech insibu li nhar id-19 ta' Marzu 1655, Marjetta, mart il-mejjet Ġiovanni Frendo, u Valentina, mart il-mejjet Ġiljan Mifsud, ħallew il-ġid tagħhom kollu għall-bini tal-Knisja Parrokkjali ġdida. (1)

Fl-istess sena nsibu lil Giovanna Chetcuti tħalli parti mill-proprjeta' tagħha biex tinbena l-Knisja Parrokkjali l-ġdida. (2)


Fl-Atti tan-Nutar Xmun Attard insibu li nhar il-15 ta' April tal-1663, il-Kappillan ta' Hal Għargħur, Dun Ġwann Battista Chetcuti, ħalla biċċa art in-naħa ta' l-Iklin biex tista' tinbena Knisja Parrokkjali ġdida bil-kundizzjoni li jkollha bħala titular l-Annunzjata. (3)

Il-Kappillan Dun Duminku Ellul ħallielna miktub fatt interessanti ħafna. Igħidilna li nhar id-19 ta' April tal-1664, Bastjan, bin il-mejjet Marju Psajla u Vennera, wara li qerr u tqarben fi żmien il-Għid, billi jaf li għandu jmut mingħajr ma jaf la s-siegħa u lanqas il-post, l-aktar għaliex hu qiegħed fuq ix-xini ta' l-Ordni Ġerosolomitan tal-Kavalieri ta' Malta, ħaseb iħalli sehem mill-ġid tiegħu għall-quddies għal ruħu, għal ruħ missieru Marju u għal ruħ ommu Vennera, kif ukoll iħalli 10 tewieq għall-bini tal-Knisja l-ġdida.

L-imsemmi Bastjan Psaila ħalla din id-dikjarazzjoni fil-preżenza ta' Dun Marju Calleja, ta' Ġakbu Debono, u ta' Ġio Pawlu Zammit bħala xhieda. (4)

Wara dan insemmu li fl-Atti tan-Nutar Baskal Debono nsibu li l-Protonotarju Apostoliku, Dun Duminku Debono, ħalla li r-renti tal-beni kollha tiegħu għal seba' snin sħaħ jiġu applikati għall-bini tal-Knisja l-ġdida. Ir-ritratt tiegħu qiegħed fis-sagristija. (ara ritratt f'paġna 2).

Ma' dawn irridu nsemmu oħrajn li bejn il-ġid li ħallew mingħajr ma wrew isimhom, oħrajn li kienu jrabbu l-flieles li meta kienu jkabbruhom kienu jbiegħuhom għall-bini tal-Knisja, oħrajn li kienu jagħtu lill-prokuraturi qamħ, xgħir, qoton u silla, u oħrajn li taw l-għajnuna fiżika tagħhom fil-bini ta' l-istess Knisja fil-ġranet u l-ħin tal-mistrieħ tagħhom.



Dehra mill-ajru tal-Knisja Parrokkjali ta' Hal Balzan. Il-Balzanin ta' l-imgħoddi kienu għaqlin ħafna fil-għażla ta' l-imkien fejn bnew il-Knisja l-ġdida. Illum, minkejja li Hal Balzan kiber u nfirex ħafna, il-Knisja Parrokkjali xorta għadha fiċ-ċentru tar-raħal.

Wara li l-ħabrieki Kappillan Dun Duminku Ellul ra li għall-grazzja t'Alla kollox kien sejjer sew biex jinbeda x-xogħol tal-Knisja l-ġdida — ir-rikors tal-Prokuraturi Benedetto Borg u Gio Debono approvat mill-Isqof Michael Balaguer nhar il-11 ta' Lulju 1663, benefatturi li joffru ġidhom u r-renti tagħhom instabu, il-poplu lest biex jagħti saħħtu u flusu għal din l-opra hekk kbira, il-post fejn ser tinbena deċiż, fil-qalba tar-Raħal, — ma kien jonqos xejn għajr li jitħejjew il-pjanti u jintgħażel min ser imexxi x-xogħol tal-bini.

Referenzi:

1. BALAGUER M.: Visit. Past. fol 165.
2. Op. Cit.
3. LIBER 2.: Arkivju Parrokkjali
4 .Op. Cit.

THE BOOKWORM

NAXXAR ROAD, B'KARA

Telephone: 45269

BOOKSELLERS

STATIONERS

NEWSAGENTS

EDUCATIONAL TOYS

GHANDKOM HILA TAQTGHU X'JIDHER FIR-RITRATT F'PAĠNA 3?

AQTGHU U IRBHU 50 ĊENTEŻMU

"ĦAL BALZAN"

toħroġ kull xahrejn mill-

KUNSILL ĊIVIKU — BALZAN

c/o Każin tal-Banda
'San Gabriel',
Ħal Balzan.

Stampata fil-
Lux Press
Ħamrun.

Editorjal

* SENA ĠDIDA

Din il-ħarġa hija l-ewwel waħda tas-sena 1974 u għalhekk nerġgħu ntennu x-xewqat tas-sena li għaddiet. Ix-xewqat tagħna għan-nies ta' Ħal Balzan huma li l-Balzanin kollha jinteressaw ruħhom aktar f'dak kollu li jsir fir-raħal, u jitfakru li r-raħal jimxi 'l quddiem aktar ma nieħdu sehem fl-attivitajiet li jiġu organizzati.

Għall-grazzja t'Alla, fir-raħal tagħna l-għaqdiet reliġjużi u l-każini huma attivi ħafna fl-oqsma diversi tagħhom. L-għaqdiet reliġjużi nistgħu ngħidu qegħdin jilħqu t-taqsimiet kollha tan-nies tal-parroċċa — tfal, żgħażagħ, u kbar. Iżda kulħadd qiegħed japprofitta ruħu mit-tagħlim li qed joffru l-għaqdiet tagħna, u b'hekk jeduka ruħu kemm reliġjożament kif ukoll ċivilment?

Il-każini wkoll mhumiex neqsin mill-attività, anzi jaraw kif jagħmlu biex ikabbru l-ħidma tagħhom — sew dawk li jieħdu ħsieb il-festi ta' barra f'ġieħ Marija Annunzjata, kif ukoll il-każin li għandu fi ħsiebu l-attivitajiet sportivi fir-raħal. Dawn il-każini qegħdin jaqdu wkoll funzjoni soċjali billi jservu bħala postijiet fejn l-irġiel u ż-żgħażagħ tar-raħal iqattgħu siegħa żmien jitħaddtu bejniethom. Inħeġġu lill-Balzanin kollha sabiex jagħtu lill-każini tagħna l-għajnuna u l-inkoraġġiment kollu possibbli għax dak li qed jagħmlu huwa b'risq ir-raħal kollu.

Bħala kelma ta' l-aħħar, insemmu l-kelmiet li kien qal il-mejjet President Amerikan J.F. Kennedy u li llum tant saru magħrufa: "La tistaqsix x'jista' jagħmel għalik pajjiżek imma ara x'tista' tagħmel int għal pajjiżek". Ejjew nieħdu dawn il-kelmiet bħala l-motto tagħna għas-sena 1974 u napplikawhom mhux biss fejn jidħol in-nazzjon tagħna imma wkoll ir-raħal tagħna.

* XOGĦOL FIL-KNISJA PARROKKJALI

Ninsabu ferħanin li nbeda x-xogħol taż-żebgħa fil-Knisja Parrokkjali. Il-Knisja tagħna, għalkemm armata u mgħammra b'dak kollu li hu meħtieġ, kellha bżonn tinżebagħ; il-ħitan u l-pilastri kienu tħammġu u ftit kien għad baqa' ħjiel ta' l-ewwel żebgħa li dawn ħadu snin ilu. B'hekk la terġa' tinżebagħ mill-ġdid il-Knisja terġa' tieħu sura oħra aktar pulita u nadifa. Il-Knisja se tisbieħ ukoll bl-induratura tal-kapitelli tal-pilastri u tal-gwarniċun, li s'issa kienu għadhom mhux indurati.

Nixtiequ nifirħu lill-Kappillan li ħabrek ħafna sabiex dan ix-xogħol jinbeda, lis-Sur Valentino Chetcuti li, dejjem lest li jmidd idejh fejn jidħol il-ġid tal-Knisja, indaħal għal din il-biċċa xogħol kbira, u fl-aħħar, għalkemm żgur mhux l-inqas, lis-Sur Ġużeppi Gauci, li ħallas minn butu x-xogħol kollu tal-kor, fejn inbeda x-xogħol l-ewwel. Nittamaw li sal-festa titulari ta' din is-sena l-Balzanin ikunu jistgħu jaraw il-kor lest.

La semmejna ż-żebgħa tal-Knisja ma nistgħux ma nsemmux ukoll il-pittura tal-kappellun tar-Rużarju, li issa ilu mgħotti s-snin u li qed igħarraq id-dehra ġenerali tal-Knisja minn ġewwa. Nittamaw li kif inbeda x-xogħol taż-żebgħa, hekk ukoll jinbeda x-xogħol tal-pittura f'dan il-kappellun — ħaġa li l-Balzanin kollha jinsabu ħerqana għaliha.

* KORRISPONDENZA

Nerġgħu nagħmlu appell lill-Balzanin kollha sabiex jibagħtulna l-idejat u s-suġġerimenti tagħhom. Hija ħaġa li nixtequha ħafna li l-Balzanin jesprimu ruħhom dwar dak kollu li jiġri fir-raħal f'din il-gazzetta li qed toħroġ proprju għalihom. Ħadna pjaċir ħafna bl-ittra li baghtilna t-tabib Pawlu Cassar dwar il-koppla tal-Knisja u li qed tidher f'din il-ħarġa. Ittri ta' din ix-xorta, ukoll jekk ikun fihom kritika kostruttiva, ma jistgħux ma jiswewx ta' ġid għax juru li l-poplu huwa konxju minn dak li qed isir madwaru, u dan il-fatt waħdu jimla bil-kuraġġ lil min ikun qed jorganizza.

Għall-informazzjoni ta' xi qarrejja ġodda, se nerġgħu nippubblikaw l-ismijiet u l-indirizzi tal-membri li jiffurmaw il-Bord Editorjali tal-gazzetta:

Is-Sur Charles Bonello, 4A Triq it-Tliet Knejjes, Ħal Balzan.
Is-Sur Carmel Bezzina, B.A., 11, Triq San Valentinu, Ħal Balzan.
Is-Sur Guido Borg, 30, Triq Santa Marija, Ħal Balzan.
Dr. Robert Farrugia Randon, M.D., 'Franstan', Triq il-Papa Alessandru VII, Ħal Balzan.
Is-Sur Anthony Fenech, 'Miele', Triq l-Annunzjata, Ħal Balzan.
Is-Sur Valentino Muscat, 238, Triq il-Kbira, Ħal Balzan.

APPELL LIN-NIES TA' ĦAL BALZAN

Għeżież Balzanin,

Għaddew sentejn u nofs mindu l-gazzetta tagħna ĦAL BALZAN ħarġet għall-ewwel darba. Qisu l-bieraħ! Għall-bidu kellna qalbna maqtugħa għax bżajna li maż-żmien il-materjal jibda jonqos u ma nkunux nistgħu llaħħqu ma' l-ispejjeż ta' l-istampa. Iżda, għall-grazzja ta' Alla u ta' Marija Annunzjata, dan ma ġarax. U llum għandkom f'idejkom il-Għadd 15 ta' din il-gazzetta li, naħsbu, hija ta' siwi għan-nies kollha li joqogħdu f'Ħal Balzan.

SILTIET MILL-ISTORJA TA' ĦAL BALZAN



Il-Protonotarju Apostoliku Dun Duminku Debono, li ħalla r-renti tal-beni tiegħu kollha għal seba' snin sħaħ għall-bini tal-Knisja Parrokkjali. Dan il-kwadru jinsab fis-sagristija tal-Knisja.

Għaliex din il-gazzetta hija meħtieġa? L-ewwelnett irridu niftakru li Ħal Balzan illum m'għadux ir-raħal ta' dari. Ħal Balzan kiber, u l-għadd ta' parruċċani qiegħed kulma jmur jiżdied. U l-biċċa l-kbira tan-nies li qegħdin jiġu joqogħdu Ħal Balzan huma tista' tgħid nies minn barra r-raħal, u għalhekk huma sajmin għal kollox mill-ġrajja ta' dan ir-raħal ġdid tagħhom. U għalhekk, għal dawk li jinteressaw ruħhom, il-gazzetta tagħna qiegħda toffrilhom okkażjoni tajba ħafna biex isiru jafu xi ħaġa dwar dan ir-raħal qadim u kwiet li minn dejjem ġibed lejn għadd ta' nies minn kull rokna ta' Malta. B'hekk dawn il-parruċċani ġodda jidħlu aktar u jintegraw ruħhom aktar fil-ħajja ta' Ħal Balzan.

Għax huwa fatt li ħafna min-nies ġodda li ġew joqogħdu f'Ħal Balzan f'dawn l-aħħar snin baqgħu maqtugħin ħafna mill-Balzanin l-antiki u ftit jinteressaw ruħhom fl-attivitajiet reliġjużi u soċjali tal-Parroċċa, forsi għaliex huma joqogħdu fit-trufijiet u mhix fil-qalba tar-raħal. Din il-firda bejn il-Balzanin imweldin Ħal Balzan u n-nies ġodda li ġew joqogħdu Ħal Balzan aħna qed nagħmlu mill-aħjar li nistgħu biex inxejnuha — għalkemm nafu li mhux possibbli neqirduha għal kollox billi min mhux mir-raħal ma jasalx li jħoss f'qalbu dik il-ġibda għal dak kollu li hu tar-raħal. Imma nagħmlu li nistgħu. Il-gazzetta hija arma qawwija sabiex tgħaqqad il-Balzanin kollha flimkien.

Ħaġa oħra li rridu niftakru hija li permezz ta' din il-gazzetta aħna, bla ma nafu, qegħdin inħallu lil ta' warajna dokument tal-ġrajjiet li minnhom għaddej Ħal Balzan fi żmienna. Nimmaġinaw ftit kemm japprezzaw il-gazzetta tagħna l-Balzanin ta' ħamsin, sittin sena oħra meta l-ħajja tkun żgur differenti ħafna milli hija llum u meta d-dehra tar-raħal x'aktarx tkun tbiddlet! Dan kollu jwettaqna fil-fehma tagħna li l-gazzetta hija meħtieġa u meħtieġa ħafna għal raħal bħal tagħna li s'issa kien għad ma kellux l-istorja tiegħu miktuba.

Kellu jkun il-'Kunsill Ċiviku — Balzan' li jindaħal għal din il-biċċa xogħol. Il-Kunsill Ċiviku kien li ppropona li tibda toħroġ din il-gazzetta, kien hu li bdieha, u bla ma qata' qalbu baqa' miexi 'l quddiem bil-ħeġġa u l-enerġija tal-bidu. Forsi kien hawn uħud li jaħsbu li l-Kunsill Ċiviku tagħna qatt m'għamel xejn. Tabilħaqq li l-'Kunsill Ċiviku — Balzan' seta' ħadem aktar fiż-żmien li ilu mwaqqaf, imma huwa fatt li ħadd ma jista' jiċħdu li permezz tal-gazzetta l-Kunsill Ċiviku tagħna qiegħed iwettaq l-aqwa ħidma — li jeduka lin-nies fil-ġrajja tar-raħal tagħhom u li jinfurmahom b'dak li jkun qed jiġri madwarhom. U din hija ħidma li mhux kulħadd lest li jidħol għaliha għax titlob ix-xogħol u ċerta dedikazzjoni. Imma la darba aħna konvinti li l-gazzetta qed tiġi apprezzata u qed taqdi l-għan li xtaqnieha taqdi, aħna beħsiebna nibqgħu naħdmu ħalli l-gazzetta tibqa' toħroġ u tibqa' miexja 'l quddiem.

Pero', għeżież Balzanin, hawn neħtieġu l-għajnuna tagħkom. Kif qegħdin taraw, din il-gazzetta tagħna qiegħda tiġbed l-attenzjoni ta' nies minn barra r-raħal li qed jikkontribwixxu artikoli għaliha. Ma nixtiqux li l-Balzanin stess jibqgħu lura. Nafu li fir-raħal għandna ħafna nies li kapaċi jiktbu artikoli interessanti. Nixtiquhom imiddu ftit idejhom u jagħtuna xi kitba għall-pubblikazzjoni. Nagħmlu appell lil kulħadd, u b'mod speċjali lin-nies li huma avanzati fl-eta', sabiex jagħtuna xi kitba dwar Ħal Balzan fl-imgħoddi. Kitba ta' din ix-xorta hija mixtieqa ħafna ħalli lil ta' warajna nħallulhom mera ta' Ħal Balzan mhux biss kif nafuh aħna llum iżda, fejn hu possibbli, kif kien dari. Nixtiequ wkoll li min ikollu xi ritratti rari dwar xi ġrajja tar-raħal jew ta' xi mkien f'Ħal Balzan li llum tbiddel, javviċinana. Il-ko-operazzjoni bejnna u bejnkom hija mill-aktar meħtieġa.

Fl-aħħarnett nixtiequ nagħmlu appell ukoll sabiex il-Balzanin kollha jikkontribwixxu dik ix-xi ħaġa żgħira tal-flus malli taslilhom il-gazzetta. Kif tafu, il-gazzetta titqassam b'xejn; iżda dan ma jfissirx li qegħdin nistampawha b'xejn. Aħna qatt ma fhimna nobbligaw lil xi ħadd jikkontribwixxi ta' bilfors għall-gazzetta, iżda tistgħu taħsbu b'liema ferħa tkun milqugħa l-offerta tagħkom. Kontribuzzjoni żgħira kull xahrejn, filwaqt li għalikom ma tagħmel l-ebda differenza, għalina tfisser ħafna.

Għalhekk, għeżież Balzanin, ngħinu mill-aħjar li nistgħu sabiex din il-gazzetta tagħna tibqa' tikber u timxi 'l quddiem, ħalli kif missirijietna ħadmu u stinkaw sabiex igħollu isem Ħal Balzan, aħna wkoll ma nagħmlulhomx għajb u bis-saħħa ta' din il-gazzetta nħallu r-raħal tagħna ftit aħjar milli sibnieh.

ARS VITREA

Prop: JOSEPH LICARI

MANUFACTURERS OF MIRRORS

ENGRAVERS AND SAND BLASTERS ON GLASS

BEVELLERS AND POLISHERS OF GLASS

245, FLEUR DE LYS ROAD, BIRKIRKARA

Telephone: 40323 Cables: Jolica-Malta

HSIEB SPIRITWALI:

IS-SENA MQADDSA

Is-Sena Mqaddsa għal ħafna minna mhix xi ħaġa ġdida għaliex forsi smajnieha ħafna drabi fl-imgħoddi u, jekk għandna ċerta eta', kellna okkażjoni li nieħdu sehem fiċ-ċelebrazzjonijiet li jsiru fiha u nirbħu wkoll l-Indulġenza speċjali li tingħata mill-Papa għaliha. Hemm min jiftakar dik tas-sena 1950, xi whud ukoll dik tal-1933, jekk mhux ukoll tal-1925. Fis-sena li kienet tiġi wara s-snin li semmejt l-Indulġenza kienet tingħata wkoll fid-Djoċesijiet kollha tad-dinja. Imma din id-darba ma sarx hekk. L-ewwel qiegħda ssir is-Sena Mqaddsa fil-pajjiżi kollha, imbagħad fis-sena 1975 issir f'Ruma.

Dan riedu l-Papa għaliex ried li ssir tiġdida mill-qiegħ f'kull nisrani, b'mod li kull wieħed u waħda minna ngħarblu lilna nfusna u naraw f'hiex nistgħu nsiru aħjar milli konna sa issa, aħjar milli aħna.

Igħidilna l-Papa fuq hekk: "Qabel xejn għandna bżonn inwaqqfu relazzjonijiet awtentiċi, ħajjin u hienja, ma' Alla, li nagħmlu paċi, fl-umilta' u fl-imħabba, miegħu, biex minn din l-ewwel armonija fundamentali l-ħajja kollha tagħna tnissel xewqa u tnissel qawwa ta' rikonċiljazzjoni, fil-karita' u l-ġustizzja, mal-bnedmin, li għandna nagħrfu bħala ħutna".

Mela l-ewwel u qabel kollox irridu naraw f'hiex aħna fir-relazzjonijiet tagħna mal-Mulej. Il-Kumitat Djoċesan għas-Sena Mqaddsa ħejja programm ta' ħidmiet li huwa suġġerit li jsiru fil-Parroċċi matul ir-Randan li ġej. Malli jkollna d-dettalji ta' dan il-Programm, aħna, nieħdu ħsieb li ngħarrfuhomlkom, u li nattwawhom ilkoll flimkien għat-tiġdid veru u sħiħ tagħna lkoll.


Il-Kappillan

KOMPETIZZJONI BIL-PREMJU

Tfal,

Erġajna wasalna għal kompetizzjoni oħra, u nispera li n-numru tat-tfal li jieħdu parti f'din il-kompetizzjoni jkun kbir ħafna. Nista' ngħid li l-appell li għamiltilkom fl-aħħar ħarġa ta' din il-gazzetta ma sewa għal xejn għax in-numru tal-kompetituri mhux talli ma żdiedx iżda talli niżel f'numru ferm żgħir. Dan ifisser li intom it-tfal m'intomx tieħdu nteress biżżejjed fil-kompetizzjonijiet li qegħdin inħejju għalikom.

Issa niġu għall-kompetizzjoni li għandna għalikom illum. Hawn qegħdin taraw ritratt ta' tieqa ta' waħda mill-knejjes iż-żgħar li għandna fir-raħal tagħna. Kull ma għandkom tagħmlu hu li tgħidu:



1. Ta' liema knisja hi din it-tieqa;
2. L-isem tat-triq li fiha tinsab din il-knisja;
3. Jekk hemmx xi knisja oħra ħdejha jew le.

Sabiex taslu biex twieġbu dawn il-mistoqsijiet, tajjeb li dduru dawra mar-raħal u tosservaw it-twieqi li jinsabu fil-knejjes iż-żgħar tagħna.

Ibagħtu t-tweġibiet tagħkom f'envelop magħluq u ndirizzawh lill-Każin tal-Banda 'San Gabriel', jew impustawh intom stess fil-letterbox ta' l-istess każin. Għandkom żmien sa nhar is Sibt, 23 ta' Frar 1974.

Ir-rebbieħ tal-kompetizzjoni tat-tpinġija ta' kartolina tal-Milied huwa *Jesmond Pace,* li joqgħod 1, St. Anthony Flats, Triq l-Annunzjata, Hal Balzan. Il-premju ta' nofs lira nieħdu ħsieb nibagħtuhulu.

Nixtiequ nuru s-sogħba tagħna għall-mewt tas-Sinjura Beatrice Borg, imwielda Pellegrini Petit, l-armla tal-qatt minsi Prof. John Borg, M.A., M.D. Kienet tabilħaqq ħasra li s-Sinjura Borg ħalliet din id-dinja proprju ftit żmien qabel il-Gvern ħareġ is-sett ta' bolli ġodda li f'waħda minnhom hemm imfakkar żewġha. Aħna nħossu sodisfazzjon meta niftakru b'liema ferħ tatna r-ritratt ta' żewġha biex nippubblikawh fil-gazzetta tagħna.

IL-FOLKLOR FIL-MEDIĊINA (1)

minn Dr. Robert Farrugia Randon, M.D.

Il-folklor jikkonsisti fit-twemmin, drawwiet, u superstizzjonijiet tal-poplu. Hawn diversi varjetajiet ta' folklor, ngħidu aħna, il-folklor fil-mużika jew fl-ilbies. F'dan l-artiklu sejjer ngħid xi ħaġa fuq il-folklor fil-mediċina fil-gżejjer tagħna.

Fil-folklor tal-mediċina r-reliġjon tidħol ħafna. Dan minħabba li fiż-żminijiet l-imgħoddija l-mediċina kienet primittiva ħafna u ftit kienet tfejjaq, u ħafna drabi n-nies kien ikollhom jafdaw totalment fil-ħniena t'Alla għall-fejqan tagħhom speċjalment meta kienet tiġi xi epidemja. Għandna ħafna eżempji ta' dan. F'San Girgor għadha sallum issir purċissjoni, li fiha jieħu sehem l-Isqof, għall-knisja ta' San Girgor fiż-Żejtun, u din kienet bdiet bħala ringrazzjament talli l-ħanin Alla kien ħeles lil missirijietna mill-pesta. Il-knejjes ta' San Rokku li jinsabu f'Hal Balzan, f'Birkirkara, u kważi f'kull raħal ieħor ta' Malta, kienu kollha mibnija bħala ringrazzjament wara li spiċċat epidemja ta' pesta minn gżiritna.

Fi żmien epidemji tal-pesta, il-qaddisin li l-iktar kienu jirrikorru lejhom il-Maltin kienu San Rokku, Santa Rosalija, San Basilju, San Bastjan, San Nikola, San Girgor u San Pawl. Wara kull epidemja tal-pesta kien jindaqq it-'Te Deum' fil-knejjes k o l l h a. F'ħafna mill-knejjes tagħna, bħal Tal-Herba f'Birkirkara, Tal-Minsija, San Lawrenz, u oħrajn, insibu ħafna kwadri li jiġu mogħtija bħala weghdiet talli l-qaddis ikun ħares lill-individwu minn xi marda. Għal kull marda l-knisja għandha l-qaddis protettur tagħha; per eżempju, San Blasju hu protettur tal-mard tal-griżmejn u hu protettur ukoll tan-nisa tqal. Xi familji għonja kienu jiddedikaw kappelli jew artali għal xi qaddis jew qaddisa bħala ringrazzjament għal xi grazzja speċjali li qalgħu.

Għadek tisma' sal-lum xi omm tissuġġerixxi lit-tifla tagħha li tkun tqila biex ma tħarisx lejn xi tifel li jkun immankat għaliex inkella t-tarbija titwieled immankata. Meta xi tifel kien jieħu xi qatgħa kien jintbagħat għand il-qassis biex jaqralu l-Vanġelu ta' San Ġwann fuq rasu. L-użu taċ-ċrieki dejjem kien popolari: k i e n u jintużaw ċrieki tal-ħadid kontra l-uġigħ ta' ras, kontra l-qarnita tal-għajnejn u kontra l-artrite. Kontra s-suffejra n-nies kienu joħorġu ftit demm minn sieq fekruna u bih jagħmlu salib fuq il-ġogi tas-saqajn u ta' l-idejn tal-marid. Fid-djar għadhom jinżammu ħafna qrunijiet kontra l-għajn ħażina.

Fit-tieni parti ta' dan l-artiklu, li tiġi ppublikata f'ħarġa oħra tal-gazzetta, inkompli niddiskuti xi aspetti oħra tal-folklor fil-mediċina.

SPORTS

HAL BALZAN VS HAL LIJA

Nhar il-Hadd 6 ta' Jannar, it-tim tal-Balzan Youths lagħab il-logħba tant mistennija kontra Hal Lija. Minn filgħodu kmieni kont tara karozzi għaddejjin jiġru sabiex jippreparaw għal din il-logħba — tfal jiġru bil-bnadar, ċuqlajti u mkatar bojod u ħomor. U hekk kulħadd rikeb fil-privates ikanta u tlaqna sabiex immorru nagħtu s-sapport lit-tim tagħna.

U hekk bdiet il-partita, li kienet akkanita u sabiħa; u għalkemm teżisti pika bejn iż-żewġ irħula, iż-żewġ timijiet lagħbu veru sportivament. Kif jaf kulħadd, il-logħba spiċċat draw, u hekk kulħadd mar kuntent lejn pajjiżu. Pero' hawn irrid ngħid li l-ferħ tal-partitarji Balzanin lejn il-plejers għal-logħba tajba li għamlu beda hekk kif il-plejers waslu f'tarf ir-raħal.

Hawn il-plejers ġew merfugħa fuq l-ispalel u akkumpanjati minn partitarji b'xi strumenti li wassluhom sal-Pjazza, wara għall-Każin 'San Gabriel' u wara lkoll għall-Klabb, fejn kulħadd feraħ u xorob fost il-ħruq ta' musketterija u murtali. U hekk spiċċat il-logħba tant mistennija.

Issa wieħed irid jaħseb fuq il-logħob li fadlilna sabiex meta fl-1 ta' Mejju nerġgħu niltaqgħu mar-rivali eterni tagħna, din id-darba nkunu nistgħu nifirħu aktar għax ikollna riżultat ta' Rebħa, kif minn qalbi, għan-nom ta' dawk li jħobbu t-tim tagħna, nixtieq.

Għeżież tfal,

Niftakar tajjeb, meta kont għadni tifel żgħir, u kont immur l-iskola tal-gvern, l-ewwel ħrafa li kont smajt u baqgħet f'moħħi kienet dik tal-ħmar li sab ġild ta' ljun, libsu, qagħad idur mal-bhejjem l-oħra u jaħseb f'qalbu jgħid: "Issa jien tal-biża' u nwerwer lil kulħadd, m'għadnix aktar ħmar!".

Għall-ewwel, imqarrqin mil-libsa li kellu fuqu bdew jibżgħu minnu ħafna, iżda x'ħin semgħuh jinħaq għarfu li ma kienx ħaġa oħra għajr sempliċi ħmar! Għajruh kemm felħu sakemm kellu jaħrab kollu mistħija.

Għeżież tfal, dan li għedna fuq il-ħmar bosta drabi jiġri f'xi tfal li jippruvaw juru lil sħabhom li m'hawnx min hu bravu daqshom jew li għandu l-ħila jilgħab bħalhom. Tfal li jippretendu li kulħadd inqas minnhom u li m'hemm ħadd li għandu jikkmandahom jew jikkorreġihom.

Intom tafu, tfal, li meta nibdew nitkabbru żżejjed u nfaħħru lilna nfusna minghajr ma nindunaw niġbdu fuqna l-mibegħda ta' l-oħrajn. Għandna kemm għandna ħwejjeġ tajba, xi ftit tal-ħażin ikollna wkoll u kmieni jew tard xi darba sħabna jsiru jafu bih.

Fejn jidħol tifel faħħari jidħol dejjem l-inkwiet. Infatti jekk ikun qed jilgħab ma' sħabu ma jaċċetta qatt telfa iżda jrid li dejjem ikun rebbieħ. Jekk sħabu ma jċedux għal dak li jrid hu jipprova jisfratta l-logħba jew jigdeb fuq l-oħrajn biex iġib l-inkwiet. L-hena tiegħu jekk jara l-logħba tieqaf.

Tifel għaqli jaf sa fejn għandu jasal u għalkemm jagħmel minn kollox biex ikun dejjem aħjar minn qabel iżda jaf tajjeb li mhux dejjem possibbli jilħaq fejn laħaq ħaddieħor. B'hekk igħix dejjem kuntent u miġjub minn ħbiebu.

Għalhekk, għeżież tfal, nitgħallmu minn din il-ħrafa biex ma nkunux kburin fost sħabna u li ma nippruvawx inkunu ikbar minnhom u taraw kif ikun iħobbkom kulħadd u ħadd ma jiskartakom.

MILL-UFFIĊĊJU PARROKKJALI

Nifirħu bil-membri ġodda tal-Parroċċa li saru ħutna fi Kristu bis-Sagrament tal-Magħmudja

Hermann-Christoph Micallef, bin Gaetan u Carmelina, fis-17 ta' Ottubru.
Romina Muscat, bint Valentino u M. Stella, fid-19 ta' Ottubru.
Mario Sammut, bin Carmelo u Hilda, fit-23 ta' Ottubru.
Claudette Borg, bint Carmelo u Carmen, fis-26 ta' Ottubru.
Sharon Micallef, bint Philip u Emmanuela, fis-7 ta' Novembru.
Alvin Cardona, bin Carmel u Mabel, fil-10 ta' Novembru.
Kevin Vella, bin Paul u Helen, fit-13 ta' Novembru.
Maria-Victoria Licari, bint Joseph u Mary, fit-13 ta' Novembru
Mark-Anthony Zahra, bin Carmel u Salvina, fis-16 ta' Novembru.
Marie-Claire Sargent, bint Alfred u Pauline, fil-25 ta' Novembru.
Jereym-Paul Naylor, bin Stephen u Jane, fid-29 ta' Novembru.

Żwiġijiet li saru fil-Parroċċa: Nifirħu lil dawn il-koppji li ngħaqdu bis-Sagrament taż-Żwieġ

Avukat Aldo Vella u Antoinette Darmanin, fil-25 ta' Novembru.
Oliver Degiorgio u Carmen Brincat, fil-20 ta' Diċembru.
Nikol Abela u Rita Chetcuti, fit-22 ta' Diċembru.

Nitolbu għal ruħ dawn il-parruċċani li ħallewna

Carmelo Camilleri, fis-16 ta' Novembru.
Cyril-Eustace Rhodes Harrison, fid-19 ta' Diċembru.

Genuine Antiques, works of art, second-hand household gods, Boutique and Ladies Hair stylist all under one roof at:

BENNY'S SHOWROOMS

HIGH STREET, BALZAN

Contractors for upholstery, polishing, frame-making and house decorations.

Tel.: 45513

IL-KAPPILLANI TA' HAL BALZAN

mill-Kav. Joseph Borg, K.M., Ph.C., L.P., F.R .S.H., F. Inst.Pet.

HAL BALZAN SAR PARROĊĊA GHALIH FL-1655 FI ŻMIEN L-ISQOF FRA MIKIEL-ĠWANN BALAGUER CAMARASA (1635-1663) MINN SPANJA, IL-PREPOSITU TA' BIRKIRKARA ĠUSTU TORRENSI, J.U.D., MILL-BELT (1650-30. 12. 1698) U KURAT TA' L-ISTESS PARROĊĊA MATRIĊI ĠWANN-BATTISTA ZARB, J.U.D. (1644-1675), SAĊERDOT TA' GHERF KBIR TANT LI HEMM PITTURA TIEGHU FL-UNIVERSITA' RJALI L-BELT U MIET TA' 69 SENA FIL-25 T'AWWISSU 1675, MENTRI L-KNISJA PARROKKJALI PREŻENTI BDIET TINBENA FL-1669 FI ŻMIEN IT-TIENI KAPPILLAN.

Bħala l-ewwel Knisja Parrokkjali ntgħażlet dik tal-"Lunzjata", mibnija fis-seklu ħmistax u għad għandha titular antik ħafna, il-prinċipali fost tliet knejjes, l-oħrajn: waħda ta' Santu Rokku (1593) li nbniet dritt wara l-epidemja ta' pesta tal-1592/1593, u t-tielet, illum desekrata w il-bieb nofs tond tagħha, bħalma kien oriġinarjament ta' dik tal-"Lunzjata", illum imbarrat bil-ġebel, hija wżata bħala dar ta' abitazzjoni b'bieb tas-soltu, qabel kienet iddedikata lil San Leonardu protettur ta' l-iskjavi.

Il-lista tal-KAPPILLANI hija din:

1 (a) *Wisq Reverendu Dun Adrijanu Zarb,* minn Birkirkara (nominat fl-14 u ħa l-pussess fil-31 t'Awwissu 1655 — miet fil-31 ta' Jannar 1662).
(b) Vigarju - "Oikonomos" *Wisq Reverendu Dun Marju Calleja* (1 ta' Frar 1662 — Diċembru 1662).

2 *Wisq Reverendu Dun Duminku Ellul,* minn Hal Kirkop (Diċembru 1662 — miet fil-11 ta' Lulju 1696) li, kif għadni kif għedt, ħa ħsieb il-bini tal-Knisja Parrokkjali preżenti.

3 *Wisq Reverendu Dun Marju Calleja* minn Hal Balzan stess, li kien għamilha ta' Vigarju-Ekonomu fl-1662 (Diċembru 1696 — miet fis-17 ta' Marzu 1712).

4 *Wisq Reverendu Dun Marju Tonna,* ukoll minn Hal Balzan (Settembru 1712 — miet ta' 80 sena fis-7 ta' Ġunju 1750).

5 *Wisq Reverendu Dun Alwiġ Dine',* minn Bormla (Ottubru 1750 — miet fl-24 ta' Settembru 1764). Kien l-ewwel Kappillan li libes ir-rukkett u mozzetta ħadranija tal-ħarir (li għamluhielhom vjola ftit iżjed minn mitt sena wara) ma' sħabu l-Kappillani kollha ta' Malta w ta' Għawdex fil-Parroċċa ta' San Lawrenz tal-Birgu fil-15 ta' Mejju 1760 minn idejn il-Vigarju-Ġenerali Kanonku tal-Katidral Ġammari' Azzopardi, mogħtijin mill-Papa Klement XII (1758-1769) wara ħafna nkwiet għal dan il-għan mill-Kappillan ta' Hal Tarxien Dun Tumas Ċirillu Formosa miż-Żejtun (29.4.1752 — Novembru 1767) li sa bata s-sospensjoni mill-uffiċċju ta' Kappillan mill-bidu ta' l-1760 sat-13 ta' Ġunju 1762 meta floku għamel il-Kurat Dun Salv. Pace u li pitturi tiegħu jeżistu fis-sagristija tal-Parroċċa ta' Hal Tarxien u f'dik tal-Qrendi.
Dun Alwiġ Dine' qabel għamilha ta' Viċi-Arċipriet fir-Rabat ta' Malta, Viċi-Kappillan f'Hal Tarxien u wara f'Hal Għaxaq u Viċi-Kurat f'Bormla, kif ukoll Direttur tal-Monasterji tas-Sorijiet Klawstrali ta' San Benedittu fl-Imdina u ta' Santa Katerina fil-Belt.

6 *Wisq Reverendu Dun Mikiel Sant,* minn Hal Għargħur (Frar 1765 — miet fil-5 ta' Lulju 1773).

7 *Wisq Reverendu Dun Salv. Cachia,* minn Haż-Żebbuġ ta' Malta (Novembru 1773 —miet ta' 45 sena fl-10 ta' Diċembru 1780).

8 *Wisq Reverendu Dun Pietru Decelis, S.Th.D.,* minn Hal Qormi (Frar 1781 -- 1791), li qabel kien Professur tat-Teoloġija (1761-1777) u anki Rettur tas-Seminarju (1777-1791) u wara sar Kappillan tas-Siġġiewi (13. 3.1791 — 16.9.1794).

9 *Wisq Reverendu Dun Feliċ Calleja, S.Th. D.,* miż-Żurrieq (Jannar 1792 — 1797), wara sar Kappillan tal-Mosta (1797 - 1833) fejn miet hekk kif beda l-bini tal-Knisja Maestuża Rotunda.

10 *Wisq Reverendu Dun Franġisku Decaro, S.Th.D.* (Lulju 1797-1801), wara laħaq Kanonku tal-Knisja Katidrali w anki sar Arċipriet t'hemm (23. 5. 1801 — 13. 6. 1802), pero' rriżenja wara sena biss u miet ħafna snin wara fl-eta' ta' 90 sena fit-22 ta' Ottubru 1847.

11. *Wisq Reverendu Dun Pietru Farrugia,* minn Haż-Żebbuġ ta' Malta (Settembru 1801 — 1809), wara sar Kappillan ta' Hal Qormi (Jannar 1809 — 1815) u mbagħad laħaq Kanonku tal-Knisja Katidrali.

12 *Wisq Reverendu Dun Pietru Pawl Psaila, S.Th.D.,* minn Hal Qormi (Marzu 1809 — 1815), li qabel kien Surmast tat-Teologija fis-Seminarju meta kien għadu student fl-aħħar sena tal-kors tiegħu; wara sar Kappillan ta' San Ġorġ f'Hal Qormi (27.8.1815 — 1821), u mbagħad laħaq Kanonku tal-Knisja Katidrali, kien onorat mill-Papa Girgor XVI li għamlu Prelat Domestiku w allura Monsinjur, u ġie magħżul ukoll Professur tat-Teoloġija Dommatika fl-Universita' tagħna (1830-1833) fejn għamilha wkoll ta' Rettur f'xi okkażjonijiet. Aktarx li kien l-iżjed bniedem għaref fit-Teoloġija u l-iżjed li kiteb dwarha f'Malta. Miet ta' 74 sena fid-29 ta' Novembru, 1854.
Naħseb li nista' nżid li ħuh Dun Ġużepp-Gejtan kien Kappillan tan-Naxxar (Novembru 1800 — 26.7. 1808), waqt li zijuhom kien il-Kappillan Dun Pietru Decelis, S.Th.D., li għadni kemm semmejt.

13 *Wisq Reverendu Dun Mikiel-Anġlu Borg, J.U.D.,* minn Birkirkara (Ottubru 1816 — miet fit-22 ta' Lulju 1848).

14. *Wisq Reverendu Dun Franġisk Caruana S.Th.D.* minn Għawdex (11 ta' Frar 1849 — irriżenja f'Diċembru 1854), wara sar Rettur tal-knisja ta' Santa Katerina tal-Italja fil-Belt.

15 *Wisq Reverendu Dun Pawlu Liċinju Micallef,* mir-Rabat ta' Malta (nominat fi Frar u ħa l-pusess fis-16 ta' Settembru 1855 — Lulju 1874) .Kien l-ewwel Kappillan li libes, flimkien mal-Kappillani l-oħra Maltin, l-ewwel il-faxxa, komom qsar u kappa żgħira suwed fuq is-suttana, li akkwistalhom l-Arċisqof-Isqof ta' Malta l-Għawdxi Fra Gejtan Pace Forno, O.S.A. S.Th.M. (1857-1874) fil-15 ta' Settembru 1862 mingħand il-Papa Piju IX (1846-1878) u wara l-lazz u ġmiemen tiegħu vjola madwar il-kappell fil-festi kbar mil-1885 wara talba ta' l-Amministratur Apostoliku "sede plena" Fra Anton-Marija Buhagiar, O.F.M. Cap. (1885-1888) Isqof-Titulari ta' Ruspa u mogħtijin mill-Papa Ljun XIII (1878-1903).

16 *Wisq Reverendu Dun Ġużepp Salnitro,* mill-Belt (1875-1890), li qabel kien Kappillan ta' Had-Dingli (1872-1874), u wara laħaq Monsinjur-Kanonku tal-Knisja Katidrali w anki Arċipriet t'hemm, pero' li spiċċa hajtu hażin fl-10 ta' Ġunju 1899 meta ħebbu għalih in-nies tar-Rabat ta' Malta li ma xtaqux jibqgħu iżjed amministrati mill-Arċipriet tal-Katidral, ħaġa li ġrat tliet snin wara fl-1902.

17 *Wisq Reverendu Dun Ġwann Sarreo, S.Th.D.,* minn Bormla (Marzu 1890-1895), meta laħaq Arċipriet tal-Mosta (1895-1907), u wara sar Monsinjur-Kanonku tal-Knisja Katidrali.

18 *Wisq Reverendu Dun Amabile Sisner,* minn Bormla (Ġunju 1895 — Ġunju 1923).

19 *Wisq Reverendu Dun Franġisk-Saverju Zahra,* mill-Hamrun (19 t'Awissu 1923 — Novembru 1949) li wara 26 sena Kappillan sar Monsinjur-Kanonku tal-Knisja Katidrali.

20 *Wisq Reverendu Dun Ġużepp Minuti,* minn Bormla (12 ta' Frar 1950 — 15 t'Ottubru 1954), li qabel kien Kanonku-Penitenzier tal-Kolleġġjata/Parroċċa ta' Bormla (Mejju 1949 — Jannar 1950), u wara mar Kappillan ta' Birżebbuġa fis-16 t'Ottubru 1954.

21 *Wisq Reverendu Dun Karm Sciberras,* minn Birkirkara, mill-1954, u li f'Marzu 1958 sar ukoll Kanonku-Onorarju tal-Bażilka/Kolleġjata/Parroċċa ta' Birkirkara.

"QUEM DEUS DIU ECCLESIAE CONSERVET".

ITTRI LILL-EDITUR

IL-KOPPLA HAMRA TA' HAL BALZAN

Sur Editur,

Madwar ħmistax-il sena ilu kelli okkażjoni nikkummenta dwar id-drawwa, li dak iż-żmien bdiet tidħol fostna, li niżbgħu l-koppli tal-knejjes b'kulur li jfakkrek fl-aluminju minflok il-lewn ħamrani ta' dari.


Jiena kont irrimarkajt li wieħed kien jassoċja din iż-żebgħa metallika aktar mal-kisi tas-soqfa tal-fabbriki u tat-tankijiet tal-petrol milli mal-arkitettura ekklesjastika, kważi dejjem barokka, tal-knejjes tagħna (Times of Malta, 14 ta' Mejju 1960).

Min-naħa l-oħra, il-kulur ħamrani mhux biss huwa l-lewn tradizzjonali tal-koppli tagħna iżda huwa wkoll estetikament floku billi joħloq kuntrast sabiħ mal-kħula tas-sema u mas-sfurija tal-ġebla maltija. Fost il-koppli ħomor — ta' San Flippu ta' l-Isla, tal-parroċċi tal-Birgu, Haż-Żabbar, iż-Żejtun u oħrajn — jiena kont semmejt dik tal-parroċċa ta' Hal Balzan u kont appellajt lil min hu responsabbli biex ikompli jwettaq din id-drawwa qadima. Il-lum nieħu gost nara li l-koppla tal-knisja ta' Hal Bazlan reġgħet inżebgħet ħamranija u nixtieq nagħti *prosit* lill-kappillan u lis-sagristan, is-sur Valent Chetcuti, ta' din il-biċċa xogħol li tant tarmonizza d-dehra tal-koppla mal-firxa kaħlanija tas-sema u mas-sfurija tal-ġebel speċjalment meta dan jieħu l-lewn u d-dija tad-deheb antik fid-dawl ta' nżul ix-xemx.

Dr Pawlu Cassar.

Hal Balzan.

5 ta' Jannar 1974.



Il-lanterna tal-Koppla tal-Knisja ta' Hal Balzan. Dan ir-ritratt ittieħed minn ħdejn il-piramida tal-Kampnar.

TINSEWX TAGHTU XI HAGA ZGHIRA TA' FLUS
BHALA GHAJNUNA GHALL-GAZZETTA
"HAL BALZAN"

STARLETS
284, HIGH STREET, BALZAN
STATIONERY, TOYS, PAPER BACKS, NEWSPAPERS AND CIGARETTES
Telephone: 41644

FOR WHITER WASH
SPEL